TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/132/21/S

Alison Abela

vs

John Meli eżerċenti l-kummerċ bħala Digital Zone

Illum 18 ta' Jannar,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alison Abela ippreżentata fid-9 ta' Awwissu, 2021 u r-risposta ta' John Meli eżerċenti l-kummerċ bħala Digital Zone ippreżentata fil-11 ta' Otturbu 2021.

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-27 ta' Jannar 2022.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda *television* LCD illi ittieħed għat-tiswija għand l-intimat pero' skont l-istess rikorrenti, spiċċa biex ġralu iktar ħsara minn meta hija kienet ħaditu għat-tiswijja.

Illi skont il-provi imressqa daparti tal-intimat, it-*technician* li eżamina it-*televison* u cioe' Charlo Mifsud, stqarr illi il-*panel* tal-istess *television* kien bil-ħsara u għalhekk ma kienx ekonomiku biex wieħed issewwieħ. Dan minħabba illi mit-*television* LCD u cioe' Liquid Crystal Display kien qed joħroġ il-likwidu iswed u dan skont l-intimat seħħ minħabba li kien qala' xi daqqa jew tagħfisa hemmek u tali tafisa tinfirex u ma hemmx x'wieħed jagħmel ħlief li jibdel il-*panel* li ma jkunx jaqbillek tenut kont

tal-prezz tal-istess *television*. Minn naħa l-oħra r-rikorrenti allegat illi t-*television* ma ġiex miżmum b'reqqa u kif suppost tant li spiċċa kellu xaqq fir-rokna tiegħu meta skont il-provi imressqa minnha dan ix-xaqq ma kienx jeżisti meta hija fdatu għand l-intimat.

Illi minn naħa tiegħu l-intimat John Meli stqarr illi hu irrelevanti li ġralu l-ħsara ġialadarba il-likwidu kien diġa beda' joħroġ mill-*panel* u għalhekk ma setax jissewwa' ħlief li jinbidel il-*panel* kollu.

Illi jingħad mill-ewwel illi għalkemm jidher biċ-ċar illi t-*television* kellu ħsara li kienet *beyond economical repair,* dan ma jfissirx illi ġialadarba l-intimat jaċċetta jieħu fil-pussess tiegħu u fil-kura tiegħu l-imsemmi *television*, dan ma jieħux ħsiebu bħala *bonus pater familias* għax fl-aħħar mill-aħħar kienet deċiżjoni tar-rikorrenti jekk tibdilx il-*panel* jew le.

Illi dan huwa każ ta' negliġenza fejn oggett fdat mir-rikorrenti għand l-intimat ġralu l-ħsara.

Illi għalhekk l-intimat ġialadarba aċċetta li jżomm għandu għall-eżami dan it-*television*, kellu juri livell ta' kura li wieħed jistenna minn bniedem raġonevoli u mhux iħalli it-televiżjoni mal-art biċ-ċans li jiġirlu iktar ħsara.

Illi mnn naħa l-oħra dan it-Tribunal iħoss li ma jistgħax jilqa' it-talba tar-rikorrenti u cioe' li l-intimat iħallas l-prezz kollu u cioe' ta' €240 li huwa il-prezz ta' *television* ġdid.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u wara li sema' ix-xhieda kollha u ħa konjizzjoni tal-provi kollha fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti u l-eċċeżżjonijiet tal-intimat, b'dan illi l-intimat John Meli eżerċenti l-kummerċ bħala Digital Zone għandu jħallas lir-rikorrenti Alison Abela is-

somma ta' €50. It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru